



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Settembru 2016
(OR. en)

12184/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0283 (APP)

CADREFIN 59
POLGEN 101
FIN 553

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Settembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 604 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 604 final.

Mehmuż: COM(2016) 604 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2016
COM(2016) 604 final

2016/0283 (APP)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas
finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-ewwel snin tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin 2014–2020, l-Unjoni qed tiffaċċja sfidi mhux mistennija ta' skala minghajn preċedent li jirriżultaw mill-instabilità fil-viċinat tagħha li jagħtu lok għal theddid għas-sigurtà u movimenti migratorji tal-massa.

Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "l-Analiżi/ir-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2014-2020 – Baġit tal-UE ffukat fuq ir-riżultati"¹, il-Kummissjoni vvalutat il-funzjonament u l-użu ta' strumenti speċjali fl-ewwel sentejn tlieta mill-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Sabiex timmobilizza mezzi finanzjarji addizzjonali għal miżuri li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija hawn fuq, sar użu wiesa' tad-disponibbiltajiet baġitarji kollha, inklużi r-riallokazzjonijiet, il-marġni u l-istrumenti speċjali, u strumenti ġodda, bħal Fondi Fiduċjarji tal-Unjoni Ewropea u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, ġew stabbiliti biex jiġbdu finanzjament addizzjonali filwaqt li jirrispettaw il-limiti stabbiliti mill-QFP. Apparagun tal-perjodu preċedenti, l-istrumenti speċjali previsti fir-Regolament Nru 1311/2013² ("ir-Regolament dwar il-QFP") żdiedu b'mod konsiderevoli l-flessibbiltà tal-QFP, u ppermettew lill-Unjoni biex tiegħu azzjoni deċiżiva. Madankollu, peress li dawn l-isfidi jippersistu, hija mhedda l-kapaċità kontinwa tal-Unjoni li tirreaġixxi b'mod rapidu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

F'dan l-isfond, il-Parlament Ewropew appella għal passi kuraġġużi biex titjieb il-flessibbiltà tal-baġit tal-Unjoni³, filwaqt li d-diskussjonijiet informali tal-Kunsill indikaw ukoll il-ħtieġa li titjieb il-kapaċità tal-QFP attwali biex jirrispondi għaċ-ċirkostanzi mhux mistennija⁴.

2. IL-BAŻI LEGALI U L-KONTENUT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 2 tar-Regolament QFP li jipprevedi li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP għandu, skont il-każ, ikun akkumpanjat minn proposta leġislattiva għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament. Tali reviżjoni ma tnaqqasx il-pakketti nazzjonali allokatu minn qabel, minghajn preġudizzju għall-aġġustament tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament QFP⁵.

Filwaqt li jittieħed kont tal-użu tal-istrumenti speċjali sa mill-bidu tal-perjodu tal-QFP u tal-isfidi l-ġodda li l-Unjoni kellha tiffaċċja u għadha qed tħabbat wiċċha magħhom, il-

¹ COM(2016)603 tal-14.09.2016.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

³ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-tħejjija ta' reviżjoni postelettorali tal-QFP 2020–2014: Il-kontribut tal-Parlament qabel il-proposta tal-Kummissjoni (2015/2353(INI)), P8_TA-PROV(2016)0309.

⁴ Ir-rapport tal-Presidenza Olandiża: Lejn Qafas Finanzjarju Pluriennali flessibbli u li jħares 'l quddiem, it-30.5.2016, <https://www.rijksoverheid.nl/binaries/rijksoverheid/documenten/kamerstukken/2016/05/30/voorzitterschapverslag-over-mfk/voorzitterschapverslag-over-mfk.pdf>.

⁵ Għal dan l-aġġustament, ara: Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għall-2017 f'konformità mal-movimenti fl-ING u mal-aġġustament tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni, COM(2016) 311 final, 30.6.2016.

Kummissjoni tipproponi li jiġi emendat ir-Regolament dwar il-QFP sabiex jiżdiedu l-ammonti massimi annwali stabbiliti għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (l-Artikolu 9) u għall-Istrument ta' Flessibbiltà (l-Artikolu 11), u biex jiġi introdott strument speċjali ġdid ħalli titwaqqaf Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea ffinanzjata minn approprijazzjonijiet diżimpenjati li jippermettu lill-Unjoni biex tirreaġixxi malajr għall-kriżijiet, bħal pereżempju l-kriżi attwali tal-migrazzjoni, kif ukoll għal sitwazzjonijiet b'implikazzjonijiet serji umanitarji jew ta' sigurtà. B'mod parallel ma' din il-proposta, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi emendat il-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba⁶ sabiex tiġi rregolata l-proċedura ta' mobilizzazzjoni tar-Riżerva għall-Kriżijiet il-ġdida.

Barra minn hekk, qed jiġi propost li jitneħħew il-limitazzjonijiet fiż-żmien u fil-kamp ta' applikazzjoni tal-marġni globali għall-impenji (l-Artikolu 14).

Dwar il-marġni globali għall-pagamenti, qed jiġi propost li jitneħħew il-limiti massimi annwali stabbiliti għall-2018-2020 (l-Artikolu 5.2) sabiex tkun tista' sseħħ il-mobilizzazzjoni sħiħa, fl-aħħar snin tal-QFP, tal-marġni kbar fil-pagamenti mhux użati fl-2016 u l-2017 jekk ikun meħtieġ, u b'hekk tiġi żgurata l-flessibbiltà massima u speċifika.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja immedjata. L-istrumenti speċjali jiġu mmobilizzati u l-appropriazzjonijiet jiddaħħlu fil-baġit annwali skond il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament dwar il-QFP, l-atti bażiċi rilevanti (ara l-Artikolu 3, il-paragrafu 2 ta' dan ir-Regolament) u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

⁶ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' 2 ta' Diċembru 2013 dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020 (QFP) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013¹, l-istrumenti speċjali ntużaw b'mod estensiv biex jindirizzaw sfidi ġodda li qamu fil-Viċinat Ewropew u li kienu jeħtieġu azzjoni rapida u komprensiva tal-Unjoni sabiex jiġu ttrattati l-implikazzjonijiet umanitarji estensivi u ta' sigurtà tagħhom.
- (2) Iċ-ċirkostanzi li wasslu għal dawn il-miżuri straordinarji u għall-ħtieġa li tittieħed aktar azzjoni jippersistu, kif muri mill-użu li sar għal darba oħra, permezz tal-abbozz tal-baġit għas-sena 2017, mill-marġni u l-istrumenti speċjali, li jnaqqsu d-disponibbiltajiet baġitarji biex jiġu ffaċċjati sitwazzjonijiet ta' dan it-tip fil-perjodu li jifdal tal-QFP.
- (3) Sabiex tiġi implimentata flessibbiltà speċifika u massima, u sabiex jiġi żgurat li l-limiti tal-pagamenti jkunu suffiċjenti biex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 323 tat-Trattat, il-limitazzjonijiet stabbiliti għall-aġġustament tal-limiti ta' pagament għas-snin 2018–2020 għandhom jitneħħew.
- (4) Ir-Riżerva ta' Għajjuna f'Emerġenza u l-Istrument ta' Flessibilità hemm bżonn li jiġu msaħħin, u r-restrizzjonijiet rigward l-marġni globali għall-impenji u għall-pagamenti

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

hemm bżonn li jitneħħew sabiex tinżamm kapaċità suffiċjenti għall-Unjoni biex tirreaġixxi kontra ċirkostanzi mhux previsti.

- (5) Għandu jitwaqqaf strument speċjali ġdid li jistabbilixxi Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea ffinanzjata minn approprijazzjonijiet diżimpenjati, sabiex l-Unjoni tkun tista' tirreaġixxi fis għall-kriżijiet, bħal pereżempju l-kriżi attwali tal-migrazzjoni, kif ukoll għal sitwazzjonijiet b'implikazzjonijiet umanitarji u ta' sigurtà serji.
- (6) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 għaldaqstant jinħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- (2) "2. L-istrumenti speċjali previsti fl-Artikoli 9 sa 15 jiżguraw il-flessibbiltà tal-QFP, u għandhom ikunu stabbiliti sabiex jippermettu li l-proċedura baġitarja taħdem bla xkiel. L-appropriazzjonijiet għall-impenji jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tal-intestaturi rilevanti stabbiliti fil-QFP fejn huwa neċessarju li jintużaw ir-riżorsi mir-Riżerva tal-Għajnuna ta' Emerġenza, mill-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, mill-Istrument tal-Flessibbiltà, mill-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, mill-Marġni ta' Kontinġenza, mir-Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea, mill-flessibbiltà speċifika biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh u biex tissaħħaħ ir-riċerka u l-marġni globali għall-impenji, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002², ir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁴".
- (3) Fl-Artikolu 5, jitħassar il-paragrafu 2.
- (4) Fl-Artikolu 6 (1), jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) il-kalkolu tal-appropriazzjonijiet diżimpenjati magħmula fis-sena n-2 li għandhom ikunu disponibbli fir-Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea, kif previst fl-Artikolu 13a."
- (5) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855).

⁴ Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1).

"2. L-ammont annwali tar-Riżerva huwa stabbilit għal EUR 500 miljun (bil-prezzijiet tal-2011) u jista' jintuża sas-sena n+1 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Din ir-Riżerva għandha tiddaħħal bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Għandha tintuża l-ewwel il-parti tal-ammont annwali li ġej mis-sena preċedenti. Dik il-parti tal-ammont annwali mis-sena n li ma tintużax fis-sena n+1 tiġi annullata."

(6) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istrument ta' Flessibbiltà hu maħsub biex jippermetti l-finanzjament, għal sena finanzjarja partikolari, ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli ta' intestatura waħda jew ta' aktar. Għall-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jkun hemm limitu ta' EUR 1000 miljun (bil-prezzijiet tal-2011) fuq l-ammont annwali disponibbli."

(7) Jiddaħħal l-Artikolu 13 a li ġej:

"Artikolu 13 a

Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea

1. Ir-Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea għandha l-għan li tippermetti lill-Unjoni biex tirreaġixxi b'mod rapidu għall-kriżijiet, kif ukoll għal sitwazzjonijiet li għandhom implikazzjonijiet umanitarji u ta' sigurtà serji.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu [178] tar-Regolament Finanzjarju, l-appropriazzjonijiet diżimpenjati magħmula matul is-sena n-2 se jkunu disponibbli għar-Riżerva għall-Kriżijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-proċedura baġitarja għas-sena n. Ir-Riżerva tiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni bħala dispożizzjoni. L-ammont annwali disponibbli għandu jintuża sas-sena n+1 f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Il-parti tal-ammont annwali li ġej mis-sena n għandu jintuża l-ewwel. Dik il-parti tal-ammont annwali mis-sena n li ma tintużax fis-sena n+1 tiġi annullata."

(8) L-Artikolu 14 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Marġni globali għall-impenji

1. Il-marġni li għadhom disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP għal appropriazzjonijiet ta' impenn għandhom jikkostitwixxu Marġni Globali tal-QFP għall-impenji, li għandhom isiru disponibbli lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin mill-2016 sal-2020.

2. Kull sena, bħala parti mill-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 6, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont disponibbli. Il-Marġni Globali tal-QFP jew parti minnu jista' jiġi mmobilizzat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja skont l-Artikolu 314 tat-TFUE."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*